REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 329/2014

tal-31 ta' Marzu 2014

li jemenda għall-211 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a), 7a(1) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fl-14 ta' Frar 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) ddeċieda jemenda annotazzjoni mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Barra minn hekk fl-14 ta' Marzu 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-KSNU ddeċieda wkoll li jħassar persuna fiżika mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u biex iżid persuna fiżika ma' din il-lista.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

F'isem il-President

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Strumenti

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESSI

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni "Global Relief Foundation (GRF) Indirizz: (a) 9935 South 76th Avenue, Unit 1, Bridgeview, Illinois 60455, l-Istati Uniti tal-Amerika; (b) PO Box 1406, Bridgeview, Illinois 60455, l-Istati Uniti tal-Amerika Tagħrif ieħor: (a) Lokalitajiet Barranin Oħra: l-Afganistan, il-Bangladexx, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Ġeorġja, l-Indja, l-Iraq, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, is-Somalja u s-Sirja; (b) Numru ta' Identifikazzjoni tal-Federali ta' Min Iħaddem fl-Istati Uniti: 36-3804626; (c) V.A.T. Numru: BE 454419759. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 22.10.2002." taħt l-intestatura "Persuni, gruppi u entitajiet ġuridiċi" għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Global Relief Foundation (GRF) Indirizz: (a) 9935 South 76th Avenue, Unit 1, Bridgeview, Illinois 60455, l-Istati Uniti tal-Amerika; (b) PO Box 1406, Bridgeview, Illinois 60455, l-Istati Uniti tal-Amerika Tagħrif ieħor: (a) Lokalitajiet Barranin Oħra: l-Afganistan, il-Bangladexx, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Ġeorġja, l-Indja, l-Iraq, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, is-Somalja u s-Sirja; (b) Numru ta' Identifikazzjoni tal-Federali ta' Min Iħaddem fl-Istati Uniti: 36-3804626. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 22.10.2002."

(2) L-annotazzjoni li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

"Malik Muhammad **Ishaq** (*alias* Malik Ishaq). Indirizz: il-Pakistan Data tat-twelid: madwar l-1959. Post tat-twelid: Rahim Yar Khan, il-Provinċja tal-Punjab, il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Deskrizzjoni fiżika: mibni b'għajnejh suwed, xagħru iswed u karnaġon ta' kannella medju b'daqna kbira sewda. (b) Ritratt huwa disponibbli biex jiddaħħal fl-Avviż Speċjali ta' bejn l-INTERPOL u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 14.3.2014."

(3) L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha titħassar:

"Yacine Ahmed **Nacer** (alias (a) Yacine di Annaba, (b) Il Lungo, (c) Naslano). Indirizz: 6 rue Mohamed Khemisti, Annaba, l-Alġerija. Data tat-twelid: 2.12.1967. Post tat-twelid: Annaba, l-Alġerija. Nazzjonalità: Alġerina. Tagħrif ieħor: (a) Irrapportat li qed joqgħod fl-Alġerija sa mill-2009; (b) Isem missieru huwa Ahmed Nacer Abderrahmane u isem ommu huwa Hafsi Mabtouka. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.3.2004."